Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 14 – Il-Ġimgħa 8 ta' April 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fit-3:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Giuseppi Attard | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu mal-Ispettura Edel Mary Camilleri. Huwa semma li waqt il-laqgħa fost diversi aspetti oħra saret referenza għall-problemi ta' skart barra l-ħin stipulat kif ukoll dwar skart mormi ħdejn il-bring-in-sites. Saret referenza wkoll għar-roadblocks li qed isiru kull tant żmien.

3.2 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa ta' *protection barriers* li jkollna bżonn f'xi attivitajiet u għal fatt li l-pulizija ma tantx qed ikollhom *available.* Sar qbil għalhekk li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jagħmlu xi *barriers* għal meta l-Kunsill ikollu xi attivita'.

3.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-organizzaturi ta' Valletta 2018 rigward l-organizazzjoni ta' "Tellieq ġennata". Għal din it-tellieqa jrid jipparteċipa grupp minn kull raħal u ser issir fil-Port il-Kbir fis-7 ta' Ġunju. Trid issir opra tal-baħar

u permezz tagħha ser issir tellieqa. Kull Kunsill ser jingħata €400 tal-partecipazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa' u li għandu jgħaddi din il-proposta lil xi NGO jew grupp ta' żgħażagħ.

3.4 Ġiet trattata l-email mingħand Marica Farrugia rigward ostaklu li qed tikkaġuna vettura pparkjata kontinwament fuq white line fi Triq il-Ġnien Għajnsielem ħdejn il-Petshop anke peress li l-istess bankina qed tkun imblukkata bil-Pjanti. Sar qbil li għandna nirreferu l-kaz lil Transport Malta.

**4.0 Problemi waqt ix-xogħol li qed isir fil-Pjazza tad-Dehra**

4.1 Inżammet laqgħa mas-Sur Thomas Xerri l-kuntrattur inkarigat mit-turf. Huwa flimkien mal-Project's Manager tal-Pjazza tad-Dehra talbu laqgħa urġenti mal-kunsill peress li hekk kif il-kuntrattur poġġa t-turf u beda biex isaqqi mill-ispiera, il-pompa ġibdet il-ħama u bdiet tinstodd. Huma enfasizzaw li huwa mportanti ħafna li l-ispiera titnaddaf u wkoll tqajjmet il-kwistjoni dwar jekk din hix ser tissuplixxi biżżejjed ilma għat-tisqija. Huma ssuġġerew li huwa meħtieġ li ssir ġiebja biex ikollna moħħna mistrieħ mis-*supply*. Sar qbil ukoll li sadanitant jekk ikun meħtieġ l-ispiera għandha tiżdied permezz ta' bowser. Il-kuntrattur rrefera għal xi spejjes ta' xi fittings li jrid jixtri biex ikun jista jqabbad il-bowser mas-sistema. Il-Kunsill qabel li din hija s-soluzzjoni mmedjata u għandna nimxu magħha sakemm insibu soluzzjoni li tissolva l-problema tal-ispiera u tiġi mnaddfa biex l-sprinklers ma jinstoddux bil-ħmieġ.

4.2 Ġiet diskussa l-possibilita' ta' ħtieġa ta' ġibjun tal-ilma biex ikun jekk ma jkunx hemm supply biżżejjed biex issir it-tisqija tat-turf, nirrikorru għal din il-ħażna.

**5.0 Inawgurazzjoni tal-Progett tal-Pjazza tad-Dehra**

5.1 Il-Kunsill qabel fuq id-data tal-inawgurazzjoni tal-proġett, dik tal-15 ta' Mejju 2016 fis-6pm. Il-Kunsill qabel li għandu jistieden lis-Segretarju Parlamentari Ian Borg biex jinawgura l-proġett.

5.2 Sar qbil li bħala programm nagħmlu ġurnata ta' attivitajiet immirati għall-familja kollha. Sar qbil li filgħodu ssir wirja tal-karozzi antiki u anke ssir attivita' għat-tfal li tinkludi wkoll logħob ta' dari. Sar qbil li l-madwar tal-pjazza għandha nagħtuh xejra folkloristika billi narmaw karettuni bil-frott u ikel tradizzjonali.

5.3 Sar qbil ukoll li bħala lapida ser issir fuq stil li jmur mal-ambjent u li teħel ukoll l-irħama antika. Sar qbil li għandna nitolbu l-parir tal-Perit rigward kif ser isiru u fejn ser jeħlu.

5.4 Mistieden għal-laqgħa kien hemm is-Sur Charlie Zammit dwar il-possibilita' li jgħin lil Kunsill sabiex għall-okkazzjoni tal-ftuh tal-Pjazza tad-Dehra, jingab grupp ta' sbandiatori taljani u jaghtu l-wirja taghhom b'xejn kemm il-darba ahna noffrulhom l-akkomodazzjoni. Il-Kunsill qabel ma dan u li għandu jinforma lill-Kunsilli oħra ta' Malta u Għawdex biex jekk hemm xi lokalita' li ser ittellgħa

attivita' u tixtieq iddaħħal dan il-grupp fil-programm rispettiv tagħhom biex b'hekk aħna ndaħħlu xi ħaġa mill-ispejjes li nagħmlu biex nospitawhom.

**6.0 Bidu tal-progett tat-tarag tal-Mosaic**

6.1 Saret referenza għal-laqgħa li saret ma' Mary Portelli sabiex jingħata bidu għall-proġett tat-taraġ tal-mosaic flimkien mal-komunita'. Sar qbil li għalissa ser isiru l-ewwel sezzjonijiet billi l-pubbliku jkun jista jagħmel ħuta taċ-ċeramika li tiġi nserita fl-istess taraġ. Sar qbil li għandna nħeġġu lill-għaqdiet kollha tal-lokal biex jibgħatu parteċipant tagħhom. Sar qbil ukoll li għandha tiġi mfassla skeda tal-programm ta' din l-attivita' u li titqassam f'kull dar.

**7.0 Attivita' konnessa ma' ġemellaggi bejn lokalitajiet għawdxin u dawk taljani nkluz Tolfa**

7.1 Is-Sindku rrefera ghall-hbiberija li nbnew bejn tlett lokalitajiet Ghawdxin ma komunitajiet Taljani qrib Tolfa. Il-konoxxonza bejniethom saret permezz ta' kuntatti li stabilixxa Alessandro Battilochio. Dawn il-komunitajiet taljani, akkumpanjati minn Alessandro, ser jigu Ghawdex biex flimkien, l-erba' komunitajiet taljani, mal-erbgha' ghawdxin, inkluz Ghajnsielem, jigi ffirmat patt ta' hbiberija. Ic-cerimonja ser issir nhar is-17 t'April fl-Ufficju tal-Kunsill t'Ghajnsielem. Il-Kunsill kollu ser ikun mistieden ghal din ic-cerimonja sinjifikanti.

**8.0 Laqgha maz-zghazagh rigward l-applikazzjoni tal-Youth Transnational Exchange**

8.1 Is-Sindku rringrazzja liż-żgħażagħ preżenti għal-laqgħa tal-interess li wrew għal dan il-proġett. Huwa spjega kif dan il-proġett irid isir minnhom bħala grupp bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-Kunsill. Huwa spjega kif dan il-proġett li tiegħu ż-żgħażagħ ta' Għajnsielem ser ikunu l-project leaders, ser jinkludi l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi oħra Ewropej fosthom Spanja, Tolfa-Italja u Croatia.

8.2 Huwa semma' li mportanti li bħala grupp jiltaqgħu u jagħmlu pre-application meetings. Bħala suġġett ġie deċiż li tkun tema li għandha x'taqsam maż-żgħażagħ u l-anzjani.

8.3 Sar qbil li għandu jitfassal isem għall-grupp u li mmedjatament għandu jibda biex ifassal *draft programme.*

**9.0 Bidu tal-progett ta' Garden Street**

9.1 Is-Sindku rrefera ghax-xoghol tal-irrangar tat-tarag tal-Gardun u li rrefera ghalih bhala xoghol tajjeb hafna izda li sfortunatment hareg enforcement notice tal-Ippjanar fuqu. Huwa semma' kif il-bicca xoghol li jmiss hija l-irrangar tal-istruttura perikoluza li hemm ix-Xatt l-Ahmar u li taghha gibna permess b'DNO.

9.2 Wara dan il-Kunsill ghandu jaghti bidu ghall-progett ta' Garden Street li ghandu jsir permezz tal-haddiema tieghu.

## 10.0 Rapport ta'sena ħidma

10.1 Is-Sindku rrefera ghal fatt li l-Kunsill ilu sena jiffunzjona u matul din is-sena saru hafna hidmiet u attivitajiet. Huwa ghalhekk propona sabiex issir rapport dokumentat f'forma ta' magazin bir-ritratti tal-attivitajiet u xoghiolijiet kollha li saru. Il-Kunsill qabel ma' dan u sar qbil li ghandna ntuh lil kumpanija Keen biex taghmel is-set up tieghu.

## 11.0 Il kaz tal-impjegat Pawlu Saliba

11.1 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għall-minuti tal-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-ħaddiem Pawlu Saliba u li għaliha hu ma kienx preżenti fuq talba tiegħu stess. Huwa semma li huwa qatt ma wiegħed lill-ħaddiema jumejn leave. Is-Sindku annega l-fatt ukoll li missieru mar jaħbat għalih u li mhux minnu li ntqal. Is-Sindku rrefera għal fatt li Pawlu verament jaħdem ħafna għal Bethlehem f'Għajnsielem u li ġie mwiegħed time-off għas-sigħat extra li jagħmel matul ix-xhur ta' preparazzjoni iżda qatt ma ġie mwiegħed ħlas għalihom. Is-Sur Saliba preżenta skeda ta' sigħat extra li għamel li tammonta għal 138 siegħa. Is-Sindku semma' li ma tistax tiġġustifika l-ammont ta' sigħat peress li dan qatt ma ffirma għalihom u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jħallsu ta' ħamsin siegħa u l-ħamsin siegħa l-oħra jtihomlu time-off.

11.2 Saret referenza għall-ittra mibgħuta lill-Kunsill mingħand l-avukata Angele Formosa f'isem il-ħaddiem Pawlu Saliba fejn talab skuża lill-Kunsill iżda fl-istess ħin talab lis-Sindku sabiex jiskuża ruħu. Is-Sindku stqarr li huwa qatt mhu ser jaċċetta ittra ta' dan it-tip. Huwa semma' li dan il-ħaddiem minn dakinhar tal-inċident 'l hawn baqa jxewwex lill-ħaddiema l-oħra kollha u qed iħarbathilhom mix-xogħol tagħhom. Huwa semma' li jiddispjaċih għal dan kollu u li f'dan l-istadju mhux qed iħossu komdu li jibqa jaħdem miegħu u għalhekk talab lill-Kunsill għall-intervent tiegħu. Il-Kunsill qabel li kif ġraw l-affarijiet, mhemmx triq oħra għajr li jitlob lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar il-possibilita' li s-Sur Saliba jigi trasferit.

## 12.0 Attivitajiet għas sajf – Festa Kemuna u Fish Festival

12.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li Festa Kemuna ser issir bejn is-19 u l-20 t'Awissu. Hu ħassu ddizappuntat għal fatt li l-Kunsill ma ġie kkonsultat fl-ebda ħin dwar id-dati.

12.2 Huwa ssuġġerixxa li għandu jinżamm Fish Festival fuq skala akbar minn dik tas-sena l-oħra. Huwa propona li għandha ssir b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment

tal-Kultura, Għawdex. Sar qbil li bħala data tentattiva għal din l-attivita' għandha tkun it-2 ta' Lulju 2016.

**13.0 Approvazzjoni tal-pagamenti**

13.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**14.0 Materji oħra**

14.1 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi enfasizza li huma mportanti li jinbidlu l-Stop Signs tal-Pjazza ta-Dehra qabel l-inawgurazzjoni.

14.2 Il-Vici Sindku rrefera wkoll għal fatt li l-mirja kollha ta' Triq il-Qala li jagħtu għat-toroq t'Għajnsielem ġew kollha imkissrin. Sar qbil li għandna nibghatu dan l-ilment lid-Direttorat Proġetti u Żvilupp.

14.3 Saret referenza ghall-istima tat-t-shirts għall-ħaddiema tal-Kunsill. Sar qbil li għandna nagħmlu żewġ t-shirts lil kull ħaddiem u nagħmlu wkoll daqs tnax-il t-shirt bojod bil-logo tal-Kunsill sabiex jintlibsu mill-helpers meta' jkollna xi attivita' tal-Kunsill.

14.4 Il-Vici Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għat-talba sabiex quddiem "Attard Ironmongery" u l-Forn hemm ħtieġa li ssir *loading/unloading bay* peress li dejjem qed ikun hemm vetturi pparkjati u mhux qed ikun hemm spazju għall-ipparkjar ta' *suppliers* li jmorru jbiegħu għandhom. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

14.5 Il-Kunsillier Peter Caruana enfasizza dwar l-importanza sabiex tinhareg l-offerta ghar-resurfacing ta' parti minn Triq il-Hamri.

14.6 Is-Segretarja ghamlet referenza ghall-Jum il-Premjazzjoni tal-iskola u ghal fatt li talbuna naghtuhom donazzjoni biex jixtruhom kotba ghall-iskola. Sar qbil li ghandna naghtuhom bhas-sena l-ohra l-ammont ta' €150 biex jinxtraw kotba ghal-libreriji tal-klassijiet.

14.7 Il-Viċi Sindku ressaq ukoll talba sabiex issir bankina ta' Louis Azzopardi fi Triq Cordina.

14.8 Il-Vici Sindku talab ukoll sabiex isir enfasi biex id-decking ta' Wied ir-Rghajjes isir kemm jista' jkun malajr.

14.9 Is-Segretarja rreferiet ghal mod kif iddizgustat ruhha ghal mod kif imxew l-Accountants tal-Kunsill biex ghalqu s-sena finanzjarja. Sar hafna xoghol tal-ghagla u waqt l-awditjar gew skoperti hafna nuqqasijiet serji li setghu hallew influenzi negattivi fuq l-istampa finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu

jiccekja ma' avukat dwar jekk wara li tghaddi sena mill-Kuntratt nistghux nohorgu minnu.

14.10 Giet trattata l-ittra minghand ir-Redcoats Ghajnsielem rigward il-mawra taghhom bhala tim fl-Olanda fejn talbu lill-Kunsill sabiex jisponsorja parti mill-vjagg. Il-Kunsill fahhar din l-inizjattiva u offra li jhallas it-trasport minn Ghawdex sal-ajruport u lura u spejjes tal-vapur.

14.11 Giet tratta wkoll il-korrispondenza rigward il-possibilita' tal-partecipazzjoni ta' grupp ta' zghazagh minn Ghajnsielem fil-logħob li jsir fis-sajf bejn l-irhula Ghawdxin Gioci senza Frontieri. Il-Kunsill qabel li ghandu jesprimi l-interess tieghu li jippartecipa f'din il-kompetizzjoni.

14.12 Il-Vici Sindku staqsa dwar meta se ssir laqgha tal-Kumitat Bethelhem f'Ghjansielem ghaliex ghada ma saret l-ebda laqgha u tajjeb issir wahda mill-aktar fis.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016 fis-6:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**